# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 39

12 ta' April, 2022

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.42 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

## Aġenda Nru. 39

39.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 38 – 9;
39.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
39.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
39.5 Komunikazzjoni;
39.6 Ħruġ ta' offerta Health and Safety Supervisory Service – Proġett Pjazza Santa Margerita;
39.7 Ħruġ ta' offerta xiri ta' vettura eletrika minn fondi ta' Reġjun Għawdex;
39.8 Proġett ġdid fi Triq Marziena;
39.9 Avvenimenti marbuta ma' Jum Sannat 2022 u l-Ġemellaġġ ma' Montefiascone;
39.10 Ilmenti u Suġġerimenti;
39.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 4/2022;
39.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

# Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 39.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

39.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 38 – 9

39.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 38 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 39.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

39.3.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li l-proġett ta' riġenerazzjoni fi Pjazza Santa Margerita beda jitqatta fil-blat il-walkthrough service culvert tan-naħa ta' quddiem il-Quaint Hotel u l-Każini tal-futbol u l-banda. Is-Sindku qal li bdew isiru project progress meetings minn żmien għal żmien fuq dan il-proġett u li għal dawn il-laqgħat qed jattendi l-Kuntrattur, Rappreżentant/i mill-Kumpanija Road Construction li qed taħdem fuq il-proġett, il-Perit tal-Kuntrattur, il-Perit tal-Kunsill, l-Project Manager, l-Archaeological Monitor, is-Segretarju Eżekuttiv u hu. L-ewwel laqgħa saret nhar it-Tlieta 5 ta' Apirl u għanda ssir oħra għada l-Erbgħa 13 ta' April. Fl-ewwel laqgħa ġie mitlub li jintbgħatu d-drawings finalizzati tas-service culvert. Il-Perit tal-Kunsill għandu jipprepara d-drawings tal-proposta għal service culvert fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeiri u l-isqaq fi Triq Xamgħan. Waqt din il-laqgħa s-Sindku nforma li l-porfido tal-bankini ta' wara l-knisja għandu jinqala u jinġabar. Dwar il-walkthrough culvert, il-Perit tal-Kuntrattur qalet li beda dan ix-xogħol u li l-Archaeological Monitor għandu jieħu r-ritratti u jinforma lil SCH għal approvazzjoni tal-eskavazzjoni. F'din il-laqgħa l-Perit tal-Kunsill qal li saret laqgħa mas-Superitendent tal-Culture Heritage dwar id-dwal ta mal-faċċata tal-Knisja fejn dawn talbu li d-dwal ikunu dimmable u għalhekk intalbet kwotazzjoni mingħand il-Kuntrattur x'se tkun l-ispiża għal dan ix-xogħol. Il-Perit tal-Kuntrattur intalbet tgħmel Gantt Chart aġġornata. Il-Perit tal-Kunsill talab samples tal-materjal li se jintuża, is-Sindku qal li dan huwa mportanti biex il-kwalita' tkun ta' kwalita'. Tqajjem il-punt dwar l-isem Ta' Sannat fid-daħla jekk kienx inkluż fl-offerta fejn irriżulta li ma kienx, għalhekk il-Kunsill irid jitlob kwotazzjoni għal dan biex isir kuntratt ġdid biex isir dan b'materjal bi blat tal-qawwi. Dwar is-servizz tal-Perit il-Kunsill irid iġib approvazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex ikun jista jsegwi x-xogħolijiet fuq dan il-proġett tal-Pjazza. Is-Sindku ssuġġerixxa biex il-Kunsill joħroġ tender għal b'forma ta' time frame agreement ta' servizz ta' perit dan peress li l-Kunsill għandu diversi proġetti kapitali iżda l-kuntratt li għandu l-Kunsill għas-servizz ta' Perit dan ma jkoprix dawn l-ammonti. Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet dwar dan il-proġett. Il-Kunsillier Gauci staqsa jekk il-jointers għal cable tad-dawl kienux ġew. Il-Sindku wieġeb li dan ix-xogħol tlesta ukoll. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk il-bokka tax-xelter ġietx magħluqa. Is-Sindku wieġeb iva dan ġie magħluq bl-istess xorok u li fuq suġġeriment tal-Kunsillier Tewma dan se jibqa aċċessibli.

39.3.2 Is-Sindku qal li nhar it-Tlieta 5 ta' April saret laqgħa apposta mad-DPF (Awtorita' tal-Ippjanar) dwar aktar fondi għal proġett fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmieri fejn il-Kunsill kien qabel u applika biex isir service culvert biex jiġu eliminati l-wires imdendlin minn mad-djar u l-faċċati tar-residenti biex jiġu pariġġ dawk fi Triq Sannat u Pjazza Santa Margerita. Waqt din il-laqgħa rriżulta li l-permessi meħtieġa mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar għax-xogħolijiet ta' Service Culvert f'din it-triq għandu jersaq quddiem il-bord biex il-Kunsill ikollu d-dokumenti neċessarji ta' kuntratt ġdid għal din it-talba. Għalhekk irid isir kuntratt ġdid ma dak li diġa hemm. Il-Kunsill ġie nfurmat li dan il-bord qed ftit lura peress li għanhom xogholijiet b'lura u għalhekk dan id-dewmien. Is-Sindku qal li għandha ssir talba lill-Ministeru għal Għawdex għal materjal ta' porfido biex jintuża għal bankini f'din il-pjazzetta. Is-Sindku ssuġġerixxi li peress li l-kuntratt li għandu l-Kunsill għal bini ta' pavimentar u bankini wasal biex jiskadi, il-Kunsill għandu joħroġ offerta ġdida. Il-Kunsill qabel ma dan.

39.3.3 Is-Sindku qal li minn nhar it-Tnejn 4 ta' April 2022 mall-Kunsill bdew ħames ħaddiema ġodda tal-Community Work Scheme Enterprise Foundation li se jkunu qed jgħamlu xogħol fuq barra, ma dawn għandha tingħaqad oħra aktar il-quddiem. Ix-xogħolijiet li dawn se jwettqu huma xogħol ta' ġardinar, kostruzzjoni u mastrudxxa, tnejn oħra huma rreġistrati bħala cleaners. Għal dan il-għan is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jista jwaqqaf il-kuntratt bi kwotazzjoni għal tindif, manutensjoni, ftuħ u egħluq tal-latrini pubbliċi li l-Kunsill għandu fi Triq Sannat u fil-Ġnien tal-Bidwi u jassenja lil dawn t-tnejn rreġistrati bħala cleaners biex jgħamlu dan ix-xogħol u l-quddiem b'hekk jitwaqqaf is-servizz bi kwotazzjoni ta' tindif tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Is-Sindku qal li filwaqt dik li se tiġi assenjata l-quddiem se tagħmel xogħol ta' cleaner. Is-Sindku qal li għal dan il-għan il-Kunsill jista jwaqqaf l-kuntratt bi kwotazzjoni ta' tindif tal-uffiċċju peress li dan ix-xogħol jista jibda jsir minnha. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jara x'jgħidu dawn il-kuntratti għal dawn is-servizzi biex b'effett immedjat dawn is-servizzi jitwaqfu u dawn ix-xogħolijiet isiru minn dawn il-ħaddiema. Dwar dan kien hemm diskussjoni u wara kien hemm qbil li jitwaqqfu dawn is-servizzi mill-Kunsill.

39.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li peress li wieħed minn dawn il-ħaddiema huwa kapaċi għax-xogħol ta ġardinar u minn żmien għal żmien fil-Ġnien tal-Bidwi ikun hemm bżonn li jisr ix-xogħol ta' ħart qed jissuġġerixxi li jinxtara moħriet u grass cutter ġdid biex jintuża speċalment għal dan il-ġnien. Il-Kunsill qabel ma dan.

39.3.5 Is-Sindku qal li bħalissa qed jinġabru l-kwotazzjonijiet għal sound system u tv li se jintużaw mill-iskema għal libreriji mir-Reġjun Għawdex biex fil-Kunsill ikun hawn apparat diċenti għal waqt is-servizz li jingħata lir-residenti u t-tfal kemm mill-librerija kif ukoll mis-servizz ta' Aqra miegħi lit-tfat ta' eta żgħira. Dan l-apparat se jiġi nstallat fis-sala fuq eżatt fejn il-librerija. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Sindku qal li din is-sala għandha bżonn ta alteration biex tingħata facelift u għalhekk hemm bżonn li din tiġi attrezzata b'mod aħjar. Il-Kunsill qabel ma dan.

39.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet intalbet kwotazzjoni rigward il-wiring ġdid fil-Ġnien tal-Bidwi għaliex dak li hemm qed jiġi diterjorat bl-elementi naturali, dan peress li hemm xi s-CCTV's li mhux qed jiffunzjonaw. Il-Kunsill qabel ma dan.

39.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li minn M 4.4 (2nd call) il-Kunsill ħallas 20% tal-pre financing lill-Kuntrattur għal bini tal-ħitan tas-sejjieħ, issa għad fadal ħlasijiet oħra għax-xogħolijiet li ġie mwettaq minn dawn il-fondi ewropej.

## 39.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

39.4.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk kellhomx xi mistoqsijiet, suġġerimenti jew proposti.

39.4.2 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 39.5 Komunikazzjoni

39.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill b'Ċirkularijiet mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl dwar:
Ċirkulari Numru *SPI*/SCI/3/2022 – Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storici f'Malta 2022/2023
Ċirkulari 03/2022 – Elezzjoni Ġenerali 26 ta' Marzu 2022
Ċirkualri 04/2022 – Proċedura dwar Sindki u Kunsillieri Eletti fil-Kamra tad-Deputati fl-Elezzjoni Ġenerali tas- 26 ta' Marzu 2022

39.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
18 ta' Marzu 2022 – Cir AKL 2022/029 – European opportunity for young local and regional politicians
29 ta' Marzu 2022 – Cir AKL 2022/030 – Information Session – Servizzi provduti mill-Jobsplus PLS CHECK
30 ta' Marzu 2022 – Cir AKL 2022/031 – Sport & Physical Activity – Psycho Social Perspective of Sports and Exercise Training Session 12/04/2022
01 ta' April 2022 – Cir AKL 2022/032 – AKL Webinar – Info Session Best Animal Society 21/04/2022
08 ta' April 2022 – Cir AKL 2022/033 – AKL Webinar – Diversity and Inclusion on Social Integration 28/04/2022
06 ta' April 2022 – Cir AKL 2022/034 – Training Session – Diversity & Local Council Performance 19/04/2022
06 ta' April 2022 – Cir AKL 2022/035 – Training Session – Personal Development – Public Speaking 10/05/2022
06 ta' April 2022 – Cir AKL 2022/036 – Training Session – Personal Development – Speechwriting 17/05/2022
8 ta' April 2022 – Cir AKL 2022/037 – COMPOSE Plus Webinar 19/04/2022
11 ta' April 2022 – Cir AKL 2022/38 – Workshop – Green Public Procurment 04/05/2022
11 ta' April 2022 – Cir AKL 2022/039 – ECAD Membership

39.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejl mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li din ġiet ċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Din kienet dwar:
24 ta' Marzu 2022 – Re Proġett – X'hemm fir-Reġjun t'Għawdex?
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lil Kunsillieri dwar dan il-proġett edukattiv.

39.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li biex il-Ministeru għal Għawdex ikun jista jgħaddi l-pagamenti għas-servizzi tal-Archaeological Monitor u tal-Project Manager tal-proġett ta' riġenerazzjoni ta' Pjazza Santa Margerita dawn l-ewwel iridu jiġu approvati mill-Kunsill skond il-kuntratt biex b'hekk l-MGOZ jgħaddi l-pagamenti dan peress li l-Kunsill qed jamministra dan il-proġett. Ma dawn hemm kontijiet oħra. Is-Sindku qal li b'hekk ikun hemm trasparenza sħiħa.

## 39.6 Ħruġ ta' offerta Health and Safety Supervisory Service – Proġett Pjazza Santa Margerita

39.6.1 Is-Sindku nforma li fost xogħolijiet oħra jeħtieġ li l-Kunsill ikun kopert bih fil-proġett ta' Pjazza Santa Magerita huwa Health and Safety Supervisory Service. Għalhekk il-Kunsill qabel li joħroġ sejħa għal offerti. Il-Kunsill ħatar Avukat, Perit u Inġinier bħala l-bord għax-xogħol tal-evalwazzjoni u aġġudikazzjoni għal din l-offerta.

## 39.7 Ħruġ ta' offerta xiri ta' vettura elettrika minn fondi ta' Reġjun Għawdex

38.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kif kien intqal fil-laqgħa preċedenti mill-iskema tar-Reġjun, il-Kunsill għandu jaħseb biex joħroġ offerta għal xiri ta' vettura elettrika. Il-Kunsill ħatar bord għax-xogħol tal-evalwazzjoni u aġġudikazzjoni għal din l-offerta li hu kompost minn Avukat, Accountant u Inġinier. Il-Kunsill irid jiċċekja biex japplika għal grant ma' Transport Malta.

## 39.8 Proġett ġdid fi Triq Marziena

39.8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar proġett ġdid u novattiv ħafna u li ma kull min qed jitkellem dwaru qed isib appoġġ biex dan isir. Dan il-proġett jikkonsisti f'ġibjun, parkeġġ u playing field ġdid fuq fi Triq Marziena minflok il-playing field eżistenti. Biex dan il-proġett ikun jista jiġi mplimentat irid isir studju biex jinkiteb proposal u BOQ. Is-Sindku qal li avviċina lill-Perit tal-Kunsill biex jingħata parir. Is-Sindku spjega dan il-proġett fit-tul. Il-Kunsill għandu jara minn fejn se jiġu dawn il-fondi għal dawn l-istudji.

39.8.2 Is-Sindku qal li reġa wasal iż-żmien tat-tisqija lis-soft areas u l-Ġnien tal-Bidwi.

## 39.9 Avvenimenti marbuta ma' Jum Sannat 2022 u l-Ġemellaġġ ma' Montefiascone

38.9.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kif kien ġie diskuss fil-laqgħat preċedenti, l-Kunsill se jospita delegazzjoni minn Montefiascone bejn it-28 ta' April u t-Tnejn 2 ta' Mejju 2022, dan l-avveniment kellu jiġi sospiż minħabba l-pandemija tal-Covid-19 fejn il-Kunsill kien applika minn fondi ewropej lura 2019. Id-delegazzjoni se tkun ta' tmienja u erbgħin persuna. Is-Sindku qal li l-Kunsill ipprova minn kollox biex dawn jiġu akkomodati fil-lokalita' Ta' Sannat pero sfortunatament dan ma setgħax isir. Għalhekk il-Kunsill kellu jara fejn ser iraqqad lil dawn li ġejjin. Is-Sindku qal li l-Kunsill ġabar kwotazzjonijiet u sab prezz tajjeb fil-Hotel Calypso. Il-konferenza ma din id-delegazzjoni ser issir fil-Hotel Ta' Ċenċ. Il-Kunsill għandu jaħseb għat-transport mill-ajruport f'Malta għal Għawdex, it-transport f'Għawdex u lura lejn l-ajruport f'Malta. Is-Sindku qal x'ser ikun l-programm ma' din id-delegazzjoni. Il-Kunsill qed jaħseb għal ikel ta' filgħaxija għal kull ġurnata. Il-Kunsill qabel ma dan. Din id-delegazzjoni se tattendi għal Jum Sannat, din l-attivita' ser issir nhar il-Ġimgħa 29 ta' April 2022 fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri, fit-8.00 p.m. fejn se jsir kunċert mis-Soċjeta Mużikali Santa Margerita u l-għada s-Sibt 30 ta' April se jsir l-Est Est Est Wine Fesitival fl-istess triq. Għal dawn l-avvenimenti l-Kunsill ibbenefika fondi addizjonali mill-MGOZ. Waqt l-attivita' ta' Jum Sannat se jingħataw il-Premijiet Ġieħ Sannat u Rikonoxximent Żgħażugħ/a 2020, 2021. Is-Sindku staqsa jekk għal din is-sena kienx hemm nominazzjonijiet għal Premju Ġieħ Sannat u Rikonoxximent Żgħażugħ/a tas-sena, s-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li le ma kienx hemm

nomini. Peress li għal din is-sena ma waslux nominazzjonijiet is-Sindku talab li din il-laqgħa tiġi sospiża biex il-Kunsill jiddiskuti dan.

39.9.2 Il-laqgħa ġiet sospiża fit-3.10 p.m.

39.9.3 Fit-3.16 p.m il-laqgħa tkompliet fejn unanimament il-Kunsill qabel li għal din is-sena 2022 Premju Ġieħ Sannat għandu jingħata lis-Sur George Borg u r-Rikonoxximent Żgħażugħ/a tas-sena għandu jingħata lis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti.

39.9.4 Fit-3.16 p.m. Il-Kunsillier Bajada talab li jiġi skużat mill-laqgħa u ħareġ mill-kamra tal-laqgħat.

39.9.5 Is-Sindku qal li l-avvenimenti ta' Jum Sannat u l-Est Est Est Wine Fesitval ser isir barra anke minħabba l-pandemija. Is-Sindku qal li f'Jum Sannat għandu jindaqq ukoll l-innu Ta' Sannat dak Taljan u Malti mis-Sopran Antonella Rapa akkumpanjata bil-pjanu. Il-compere Mark Lawrence Zammit aċċeta l-istedina biex jippreżenta din is-serata.

39.9.6 Is-Sindku qal li għad-dramm Il-Kundanna kellna rispons pożittiv ħafna kemm mill-parteċipanti kif ukoll dawk li attendew. Is-Sindku rringrazzja lill-parteċipanti u lil dawk kollha nvoluti u ħadmu biex dan id-dramm għal darb oħra kien suċċess.

39.9.7 Is-Sindku qal li sabiex jattendu n-nies u tkun infurmata bl-attivita' tal-Wine Festival qed jissuġġerixxi li dan jiġi rreklamat fuq stazzjoni tar-radju. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 39.10 Ilmenti u Suġġerimenti

39.10.1 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-*Works Request System* sabiex jiġi rranġat fanal miksur u maqlub mal-art qabel id-daħla tal-Hotel Ta' Ċenċ. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li dan ġie rranġat.

39.10.2 Il-ħaddiema assenjati mall-Kunsill innutaw tabella mkissra quddiem Il-Ġnien tal-Bidwi. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din ġiet ordnata.

39.10.3 Il-Kunsill irċieva imejl mingħnd l-*Intevention Team – MGOZ*, rigward ħajt tas-sejjiegħ imwaqqa' fi Triq Mġarr ix-Xini. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba ntbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

39.10.4 Individwi talbu li jsir refreshing taż-żebgħa fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini speċjalment fejn is-slip ways. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba nbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

39.10.5 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-*Works Request System* sabiex jiġu rranġati 2 fanali fi Triq Ta' Ċenċ qabel tidħol għal Hotel Ta' Ċenċ.

39.10.6 B'referenza għall-ilment numru 12/2022, persuna ġibdet l-attenzjoni li l-bankina ta' Triq Xabbata kantuniera ma Triq Paranji reġet waqgħet. Din talbet li din tissewwa mill-aktar fis possibli peress li hi ta' periklu. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba nbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System*. Is-Sindku qal li din ġiet rranġata llum.

39.10.7 Il-kuntrattur li qed jieħu ħsieb l-latrina pubblika fil-Ġnien tal-Bidwi nnota li hemm il-ħġiega ta' tieqa u sink fl-istess ġnien miksura. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li din

inbidlet ma waħda ġdida u saret pjanċa tal-ħadid quddiemha biex ma terġax tinkiser filwaqt li s-sink għandu jinbidel. Is-Sindku qal li s-sink inbidel ukoll.

39.10.8 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand persuna fejn talbet lill-kunsill biex jkun jista jiġbor għajnuniet għal 'The Food Bank Life Foundation'. Is-Segrtarju Eżekuttiv talab lil persuna biex tkun hi li tiġbor dawn l-għajnuniet.

39.10.9 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-MGOZ permezz tal-*Works Request System* sabiex tinżebgħa l-STOP sign fi Triq Tal-Gruwa int u ħiereġ għal Triq Ta' Ċenċ. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan iż-żebgħa sar.

39.10.10 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-MGOZ permezz tal-*Works Request System* sabiex jsir patching fi Triq Mġarr ix-Xini fil-kantuniera ma' Triq tal-Gruwa peress li hemm toqob kbar li huma perikolużi għal min jkun għaddej speċjalment bil-mutur u bil-mixi.

39.10.11 Il-Kunsill irċieva kopja ta' petizzjoni dwar żvilluppatur li applika mal-Awtorita tal-Ippjanar b'nurmu tal-applikazzjoni PA2173/22 biex fi Triq Sannat isir żvilupp permezz ta' twaqqiegħ ta' bini eżistenti u jinbnew 4 units u garage. Is-Sindku qal li l-Kunsill irid jara l-policy x'tgħid u nieħdu parir mall-Perit.

39.10.12 Fit-3.48 p.m. il-Kunsillier Bajada reġa rritorna għal din il-laqgħa.

## 39.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 4/2022

39.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 4/2022 li kienet intbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Hu qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Bajada u ssekondata mill-Kunsillier Gauci. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 39.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

39.12.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.54 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 17 ta' Mejju 2022, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 17 ta' Mejju, 2022

| | |
|---|---|
| (iffirmata) | (iffirmata) |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |